# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 14-15

**Data:** 15 ta' Jannar 2015

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Diċembru 2014.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Christopher Bruno.

3. **Ħwejjeg li jirriżultaw mill- Minuti ( Seduta 13.14);**

3.1 Punt 3.2 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku ippreżentat il–konferma minn naħa tal-MCST dwar il-ħajt li hemm int u dieħel lejn ir-Regatta, fejn ikkonfermaw illi dan il-ħajt mhux ser ikun parti mir-Rigenerazzjoni tal-Progett Esplora f' Bighi

3.2 Punt 3.17 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku ippreżentat email mingħand Transport Malta fejn dawn qed jissuġerixxu li jsiru yellow bar markings ma l-art biex jitnaqqas il-periklu minn Triq ix-Xatt.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed iġġib kwotazzjonijiet differenti biex dawn isiru fi żmien qasir.

3.3 Punt 3.6 mill-Minuti preċedenti; is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi 'rċeviet formalment minn Transport Malta il-konferma tat-Toroq fejn eżatt ġejja iż-"Zebra Crossing" fi Triq Rnella kif kien intalab mill-Kunsilliera kollha fil-laqgħa preċedenti.

3.3 Punt 4.1 mill-minuti preċedenti; is–Sindku spjegat illi post għal parkeġġ bil-mutur fi Triq is-Salvatur hemm spazju fejn issir u ser tkun qed tintbgħat rikjesta formali lill-Transport Malta.

Il-Kunsilliera Maria Sultana issuġerit illi fejn ser jiġi approvat dan il-parkeġġ tal-mutur, ftit il-fuq hemm żewġ parkeġġi tal-karozzi,kemm jiġu mċaqilqa bi ftit u b'hekk ikun hemm wisa biżżejjed sabiex jiġi parkjat il-mutur ukoll.

3.4 Punt 6.3 e. mill-Minuti preċedenti; is-Seg.Eżek. spjegat lill-Kunsillier Pawlu Bongailas għalfejn is-Seretarja Ġenerali tal-"European Walled Towns", kienet għadha ma ġietx tispjega eżatt dan il-grupp x'inhu l-iskop tiegħ minħabba il-fatt li kienet impenjata b'attivitajiet għal ta' l-aħħar tas-Sena u din il-laqgħa ser inkun qed jiġi ipposponut għal aktar tard matul ix-Xhur ta' Frar / Marzu.

3.5 Punt 3.3 mill-Minuti preċedenti; is-Sindku ippreżentat site plan immarkata bil-bozoz li hemm attwalment fi Triq il-Missjoni Taljana biex tispjega aħjar liema jridu jinbidlu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinbidlu 2 bozoz biss għal fanali ġodda minhabba problema ta' finanzi. Maż-żmien jista jgħati il-każ li jinbidlu l-oħrajn ta' mad-dawra ta' l-istess Triq biex b'hekk jiġu kollha uniformi fl-istess post.

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku għaddiet informazzjoni li ingħatat lilha aktar kmieni dan ix-xahar dwar trinek li ser ikunu qed jiġu implementati fix-Xatt tal-Kalkara minn naħa tal-Ministeru fuq rikjesta ta' resident fil-Kalkara stess minħabba il fatt li f'din it-Triq jinżamm ħafna ilma fil maltemp u jidħol f'xi djar fl-akwati stess. Dawn it-trinek ser ikunu qegħdin jitfaw l-ilma li jinżamm dirett fil-baħar.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li 'rċeviet mingħand is-Segretarju ta' Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja, fejn qegħdin joffrulna li nippublikaw avvenimenti tal-Kunsill fuq il-'leaflet' li joħorġu huma 3 darbiet fis sena bla ħlas, li jitqassam fil-lokalita' tal-Kalkara minn naħa ta' l-istess Każin.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar kwotazzjonijiet li nġabru għal xiri ta' settijiet tat-Telefowns ġodda wara li dawk preżenti huma bil-ħsara.

4.4 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar ilment li rċeviet bil-posta elettronika rigward l-iskart goff li qiegħed jitħalla wara il-'Bring in sites' fi Triq it-Turretta. L-istess resident qed jagħmel talba biex jitwaħħlu tabelli biex ma jitħalliex skart goff fejn il-'Bring in sites'. Il-Kunsill kollu qabel li dawn it-tabelli għandhom jitwaħħlu mhux biss fi Triq it-Turretta imma kif ukoll, ma 'Bring in sites li għandna madwar il-Kalkara.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill bil-posta elettronika li rċeviet mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara dwar żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2013.
Din l-email trid tkun qed tiġi 'mwieġba f'qasir żmien mill-acountant imqabbad mill-Kunsill stess biex b'hekk innaqqsu dan l-iżbilanċ finanzjarju matul din is-sena billi il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż ġodda u jagħmel in-neċessitajiet urġenti u bażiċi, kif fil verita hemm miktub f'din l-email stess bħala gwida mid-Dipartiment.

4.6 Is-Sindku spjegat illi hemm bżonn li jitranga il-ħsara li bħalissa għandu il-van li qed jiġi użat għal bżonnijiet ta' xogħol tal-Kunsill speċjalment barra mill-Uffiċċju.

Il-Kunsill qabel unanimament biex din il-ħsara tiġi rranġata minnufih biex b'hekk ix-xogħol jibqa għaddej bla problemi ta' xejn u b'hekk ikollna inqas ilmenti mingħand ir-residenti stess.

4.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar applikazzjoni li rċeviet minn naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal proġetti kapitali fil-lokal. Hija spjegat illi din l-applikazzjoni hemm bżonn timtela malajr kemm jista jkun b'għajnuna professjonali minħabba l-fatt illi hemm żmien stipulat fi żmien qasir.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-applikazzjoni għal fondi għal proġett kapitali fil-lokal tal-Kalkara għandha timtelha għal affini ta' Trasport bil-baħar mill-Kalkara għal destinazzjonijiet oħra madwar Malta kif diġa hemm implementat fil-Kottonera.

4.8 Is-Sindku ippreżentat ittra elettronika li rċeviet aktar kmieni dan ix-xahar rigward 'Job Shadowing Opportunity' fejn ser ikun hemm opportunita' għal nies b'vizzji tfal u nies b'diżabilita' jaħdmu mal-Kunsilli Lokali u Dipartimenti oħra

Is-Sindku ser tkun qed iġġib aktar informazzjoni dwar din l-opportunita' biex jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill Lokali jgħin ukoll billi jgħati opportunita' ta' xogħol bażiku fl-uffiċini tagħna.

4.9 Is-Sindku infurmat il-Kunsill biex min ser ikun qiegħed jorganizza xi attivita' ghal habta ta informazzjoni biex tigi ippublikata minn naha ta l MCCA bhala promozzjoni ta l-istess attivita.

4.10 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar proposta li ġiet mibgħuta lill-Kunsill biex isir tpenġija fuq il-ħajt fil-lokalita tal- Kalkara minn naħa ta' l-aġenzija sapport rigward persuni b'diżabilita'.

Il-Kunsill kollu talab lis-Seg.Eżek. iġġib aktar informazzjoni dwar din il-proposta fosthom anki bħala manutenzjoni ta' din it-tpenġija fil-każ li ssir fil-lokalita' tal-Kalkara.

4.11 Is-Sindku ippreżentat ilment li rċeviet mingħand resident fuq il-'Bring in sites' li hemm fil-Pjazza Sagra Familja fejn dan l-istess resident qed jitlob li dawn il-'Bring in sites' jiċċaqilqu u jiġu allokati aktar viċin it-triq. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-iskips ma għandhomx jiċċaqilqu minn fejn qegħdin fil-preżent wara li din id-deċiżjoni kienet ittieħdet aktar kmieni fis-sena 2014 f'laqgħa tal- Kunsill fuq rikjesta oħra minngħand resident ieħor.

4.12 Is-Sindku ippreżentat rikjesta minngħand il–Kumpanija ta' l-'Skoda Motor Cars' fejn qed jitolbu spazju ta' 3 parkeġġi biex ikunu jistgħu jużawhom bħala promozzjoni għal din id-ditta partikulari. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġu mgħotija dawn il-parkeġġi għal ġurnata bħala promozzjoni.

4.13 Is-Sindku ippreżentat rikjesta dwar biex isir Wifi fil-Berġa / Librerija tal- Kalkara, biex b'hekk ir-residenti li jinqdew bis-servizzi f'dan il-post ikollhom aċċess għal internet.

Il-Kunsill ma qabilx dwar dan minħabba il-fatt illi in-nies li jidħlu kemm għal Berġa kif ukoll għal Librerija ikunu hemm għal ħin qasir.

4.14 Is-Sindku preżentat email li rċeviet minngħand Grasp fejn din hija kumpanija mgħaquda ma Smart City biex jagħmlu promozzjoni fil-lokalitajiet dwar l-enerġija.

Il-Kunsill talab biex tinkiseb aktar informazzjoni qabel ma nidħlu membri f'dan il-grupp speċjalment rigward finanzi.

4.15 Is-Sindku ippreżentat approvazjoni għal 'Unloading Bay' li kienet ġiet issuġerita mill-Kunsillier Pawlu Bongailas aktar kmieni fis-sena 2014.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament biex din l-'Unloading Bay' issir f'Misraħ Arċisqof Gonzi, bejn il-ħanut tal-pastizzi kif ukoll l-'Stationary' biex b'hekk tintlaħaq minn kull ħanut f'Misraħ Arċisqof Gonzi. Il-ħin għandu jkun riservat għal filgħodu biss.

4.16 Is-Sindku ippreżentat rikjesta minn għand resident fil-Kalkara fejn dan qed jitlob li jagħmel użu mit-toqob tal-festa li hemm fejn il-Kappella tas-Salvatur biex ikun jista jtella' wirja għal żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan bil-patt u l- kundizzjoni li juża it toqob kif qegħdin mingħajr alterazzjonijiet.

4.17 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar il-ġbir ta' l-iskart mill-Kuntrattur il-ġdid ser ikun qiegħed jopera mill-1 ta' Frar. Hi spjegat ukoll li ser tkun qed tikseb informazzjoni dwar l-iskips li hawn attwalment fil-lokalita' u tikkonferma li dawn huma propjeta' tal-Kunsill biex b'hekk il-kuntrattur il-ġdid ikun jista jibda jopera mingħajr problemi. Ser tkun qed tintbgħat notifika f'kull dar fil-Kalkara biex ir-residenti jkunu jafu dwar il-bdil tal-kuntrattur kif ukoll il-ħinijiet tal-ġbir

4.18 Is-Sindku ippreżentat il-'Performance Appraisal Reports' tal- impjegati tal-Kunsill fejn spjegat il- kummenti li hemm miktubin fuq kull impjegat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-impjegati jieħdu 6 fil-mija tal-'Performance Bonus' kif ukoll is-Seg.Eżek tieħu 10 fil-mija tal-'Performance Bonus'. (għas-sena 2014)

**5.Komunikkazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar korsijiet li ser tkun qed torganizza aktar tard fis sena 2015:

Kors tal-Kejkijiet
Kors tal-'Flower Arrangements'

Is-Sinjura Chircop ser tkun qed tgħati aktar dettalji dwar dawn il-korsijiet fil-laqgħat li ġejjin biex b'hekk ikun jista jinħareġ il-leaflet bħal dejjem

5.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ħarġa kulturali li ser tkun qed torganizza għal kulħadd għal ħabta ta' Frar / Marzu 2015. Aktar informazzjoni tkun ippreżentata fil-laqgħa li jmiss.

**6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA**

**6.1 *<u>Il-Vici Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti</u>***

**a.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Segretarja tibgħat 'reminder' fuq ir-'roundabout' li hemm fi Triq Patri Mattew Sultana minħabba il-fatt illi hemm bżonn tas-sinjali kemm jista jkun malajr għaliex fid-dlam m'hemmx indikazzjoni li hemm 'roundabout'.

**b.** Is-Sur Chris Bruno talab is-Segretarja terġa tgħamel rapport fuq iċ-ċint li hem fi Triq Straubenzee minħabba il-fatt li dan l-istess ċint ma ġiex imkaħħal sew u għadu ta' periklu għan nies.

**c.** Is-Sur Chris Bruno għadda lment fuq bozza li hija difettuża minħabba il-fatt li qed itteptep fi Triq Starubenzee biex ikun jista jintbgħat il-kuntrattur biex jiċċekja.

**d.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Segretarja biex tagħmel rapport fuq karru taż-żwiemel li hemm mitluq fi Triq Santa Liberata.

**e.** Is-Sur Chris Bruno għadda lment minngħand resident fuq ir-riħa li qed ikun hem fi Triq Santa Liberata, biex isir rapport lis-sanita.

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

a. Is-Sinjura Maria Sultana talbet li tintbgħat email mill-ġdid rigward it- 'Telephone Boxes' li hawn madwar il-Kalkara biex jitneħħew minnufih minħabba l-abbużi li qed ikun hemm fihom.

b. Is-Sinjura Marija Sultana tallbet biex jintbgħat rapport formali dwar ilma li qed ikun nieżel fi Triq Rinella minn ġewwa resdenza partikolari.

c. Is-Sinjura Sultana għaddiet ilment dwar bozza fi Triq is-Sibi li mhux imwaħħla sew minħabba il-fatt li qegħda ta' periklu, biex il-kuntrattur ikun jista jgħamel mill-aħjar li jista u titranġa mill aktar fiss possibli.

Is-Sindku spjegat li din il-bozza hija diġa irrapurtata minn naħa tagħha u anke uriet ritratt ta' l-istess bozza biex tikkonferma li hija l-istess waħda.

d. Is-Sinjura Sultana għaddiet ilment minn għand residenti li joqgħodu fi Triq Rinella dwar xibka li għandhom bżonn fil-katusa li hemm tidher minn barra. Is-Sinjura Sultana spjegat illi l-'handy man' tal-Kunsill diġa jaf dwar dan minħabba il-fatt li dawn l-istess residenti infrumaw lilu dirett.

e. Is-Sinjura Sultana talbet li jsir rapport formali dwar dranaġġ nieżel fit-taraġ fi Triq Santa Filomena.

f. Is-Sinjura Sultana talbet illi l-iskip li tneħħiet fi Triq Rinella terġa titpoġġa wara ħafna lmenti minn għand residenti kif ukoll il-ħmieg li qed jitħalla f'dan il- post.
Il-Kunsill kollu qabel li din l-iskip terġa tiġi poġġuta fi Triq Rinella kif ukoll titpoġġa l-iskip li kienet tneħħiet minn Triq Marina minħabba l-istess raġunijiet spjegati hawn fuq.

g. Is-Sinjura Sultana issuġerit li l-'bring in sites' ta' Triq Marina jiġu allokati post ieħor minħabba id–dubji li għandha li m'humiex qed jiġu milħuqin minn residenti kemm supost biex b'hekk ikun hemm użu minnhom aktar għan nies tal-akkwati. Is-Sinjura Sultana ser tkun qed tipproponi post ieħor fil-laqgħa li jmiss.

h. Is-Sinjura Sultana talbet illi terġa tintbgħat email lill-Każini Sagra Familja biex it-toqob li hemm fi Triq Santa Filomena jiġu mgħottija mill aktar fiss possibli minħabba il-periklu li jġibu magħhom.

i. Is-Sinjura Sultana infurmat lill-Kunsill kollu illi ser tkun qed taħdem dwar l-attivita' tal-Karnival bħal kull sena. Aktar dettalji jiġu ippreżentati aktar tard fis-seduta li jmiss.

j. Is-Sinjura Sultana infurmat lill-Kunsill dwar ħarġa li ser tkun qed tagħmel fil-Forti ta' Rinella għat-tfal tal Year 4 li jattendu l-iskola Primarja tal-Kalkara.

6.3 ***<u>Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas</u>***

<u>*a.*</u> Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn li jinqata l-ħaxix ħażin mad-dawra tal-Bajja ta' Rinella int u tiela lejn Smart City kif ukoll minn fejn iċ-ċumnija int u sejjer lejn Smart City.

<u>*b.*</u> Is-Sur Pawlu Bongailas ressaq ilment dwar parkeġġ li hemm fi Triq San Mikiel fejn hemm it-taraġ minħabba il-fatt illi l-familja li toqgħod fir-residenza fl-istess Triq qed issib diffikulta toħroġ ir-raġel li għandu problemi fiżiċi minħabba l-karozzi li qed jipparkjaw f' dan il-parkeġġ.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-parkeġġ għandu jitneħħa immedjatament minħabba ir–raġuni imsemmija hawn fuq biex b'hekk inkunu ta għajnuna għal din il-familja.

<u>*c.*</u> Is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill illi l-Erbgħa 21 ta' Jannar 2015 ser jibda il-Kors tal-Kompjuter għal adulti.

<u>*d.*</u> Is-Sur Bongailas talab illi it-telgħa tas Salvatur tiġi 2 way għar-residenti tal-akkwati minħabba il-fatt illi bil-krenijiet u t-trakkijiet li qed ikun hemm jgħalqu it-Triq minħabba xogħol fis-sit tal- proġett qed ikunu ta' inkonvenjent lir -residenti stess.

<u>*e.*</u> Is-Sur Bongailas ressaq ilment ipprintjat minn fuq paġna fuq 'Facebook' dwar il-'pots' (ħodor) li hawn mat-toroq fil-Kalkara kollha.
Dan l-ilment juri biċ-ċar illi minħabba dawn il-pots wieħed ma jistax jgħaddi la b'siġġu tar-roti u lanqas bil-'pushchair'.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-'pots' għandhom jitneħħew minn Toroq kollha.
Is-siġar taż-żebbuġ li hemm imħawlin fijhom għandhom jiġu allokati f'postijiet oħra fil-Kalkara kif ukoll naraw il- Ġenista Foundation tridx xi siġar minnhom.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta' Frar 2015 fil-5:30pm.

**Elaine Caruana**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Speranza Chircop**
**Sindku**